# Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imhallef Giovanni M Grixti LL.M., LL.D

Appell Nru. 29/2017

**Il-Pulizija**

**vs**

**Roderick Sammut**

Seduta tal-11 ta' Mejju, 2017

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra l-appellant, Roderick Sammut, detentur tal-karta tal-identita' Maltija bin-numru 9886M quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli ghax-xhur ta' Gunju, Lulju, Awwissu u Settembru 2016 f'dawn il-Gzejjer b'diversi atti maghmulin minnu, ukoll jekk fi zminijiet differenti, kisru [recte: jiksru] l-istess dispozizzjoni tal-ligi u gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda, dawn l-atti jitqiesu bhala reat wiehed imsejjah reat kontinwat skont Kap 9 Artikolu 18;

1. Naqas li jaghti lil Charmaine Abela, is-somma ffissata minn dik il-Qorti jew stipulata fil-kuntratt bhala manteniment ghal uliedu u/jew martu, fi zmien hmistax-il jum minn dak il-jum li fih, skont l-

ordni jew dak il-kuntratt kellha tithallas is-somma, skond Kap 9 Artiklu 338(z).

2. Naqas li jobdi l-ordnijiet legittimi mghotija lilu mill-pulizija jew minn ufficjal iehor ta' awtorita' ohra waqt il-qadi ta' dmirijiethom, jew ma halliex, jew fixkel jew b'xi mod bla jedd indahal fl-istess dmirijiet billi ma halliehomx jaghmlu jew hassar dak li kienu qed jaghmlu skont Kap 9 Artikolu 338(EE);

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, tat-18 ta' Jannar, 2017 li biha, wara ammissjoni, sabet lill-appellant hati taz-zewg imputazzjonijiet dedotti kontra tieghu w ikkundannatu ghal xaghrejn prigunerija.

Rat ir-rikors tal-appell ta' Roderick Sammut, pprezentat fir-registru ta' din il-Qorti fl-24 ta' Jannar, 2017, li permezz tieghu talab lil din il-Qorti **tirriforma** s-sentenza appellata billi tikkonferma f'dik il-parti fejn sabet lill-appellant hati izda, **thassar u tirrevoka** l-parti tas-sentenza koncernanti l-piena inflitta u minflok tinfliggi piena aktar idonea skond ic-cirkostanzi ta' dan il-kaz.

Rat l-aggravji tal-appellant;

Semghet lill-parte civile bil-gurament;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Ikkunsidrat:

1. Illi l-appell odjern jirrigwarda biss il-piena kominata mill-ewwel Qorti fuq il-gravami illi din mhix wahda idonea u li ser ikollha konsegwenzi negattivi fuqu inkluz li ma jkunx f'posizzjoni li jhallas il-manteniment dovut u li ghalhekk talab li jkun hemm temperament fil-piena. Huwa jargumenta ukoll illi meta kien ordnat ihallas il-manteniment ma kienx jahdem izda beda jfittex ix-xoghol minnufih sabiex ikun jista' jottempera ruhu;

2. Fl-udjenza tal-llum, il-parte civile ddikjarat li l-appellant ottompera ruhu wara li inghatat s-sentenza appellata u b'hekk issalda d-debitu tieghu fl-intier;

3. Issa ghalkemm mhux normali li din il-Qorti bhala Qorti ta' Appell Kriminali tiddisturba d-diskrezzjoni tal-ewwel Qorti kwantu l-piena erogata, madanakollu l-iskop tal-legislatur kif espress fl-artikolu 338(z) tal-Kodici Kriminali intlahaq proprju bid-dikjarazzjoni ta' hlas tal-ammont kollu dovut. L-appellant, izda, kien ammetta ukoll ghat-tieni imputazzjoni, dik li naqas li jobdi l-ordnijiet legittimi tal-Pulizija. Ezaminat l-affidavit ta' WPC379, din id-disubbidjenza kienet tikkonsisti filli l-appellant naqas milli jmur l-ghassa tal-Pulizija sabiex ikun mitkellem wara li l-parte civile ghamlet rapport dwar nuqqas ta' hlas ta' manteniment u wara li l-ufficcjal kienet bghatet ittra lill-appellant biex jaccedi l-ghassa. Mhux mgharuf jekk dan irceviex l-ittra jew le izda l-appellant kien ammetta ghal din l-imputazzjoni. Dan il-fatt ghalhekk huwa prettament marbut mal-ewwel imputazzjoni;

4. Ghal dawn il-motivi, u f'dawn ic-cirkostanzi, tilqa' l-appell u tirriforma s-sentenza appellata billi filwaqt illi tikkonfermaha f'dik il-parti li biha sabet lill-appellant hati taz-zewg imputazzjonijiet, tirrevokaha f'dik il-parti fejn ikkundannatu ghal-terminu ta' xaharejn prigunerija u minflok tikkundannah ghal multa ta' hamsin euro (€50).

Giovanni Grixti
Imhallef